# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 5 t'Ottubru tas-sena 2001.**

**Numru 22**

**Avviz numru 386/01/SM**

**Forestals (Appliances) Ltd.**

**vs**

**Anthony u Doris konjugi Bezzina**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' erba' mija u seba' liri Maltin (LM407.00,0), rapprezentanti l-import ta' kambjala datata d-29 ta' Dicembru, 1998 u dovuta u skaduta fl-1 ta' Marzu 1999 (kopja fotostatika ezebita u immarkata bhala Dokument A);**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri ufficjali tal-11 ta' Dicembru 2000 u tas-7 ta' Marzu 2001 rispettivament ammontanti ghas-somma ta' LM42.00,0 u l-ispejjez tal-Mandat ta' Qbid nru. 895/01/FF ammontanti ghal LM24.67, oltre l-imghaxijiet legali dekorribbli**

**b’effett mid-data tal-iskadenza tal-kambjala u cioe’ mill-1 ta’ Marzu 1999 sal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma deherux, la fit-28 ta’ Settembru tas-sena 2001 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**